



Brussell, 27 ta' Frar 2023  
(OR. en)

6452/23

LIMITE

JAI 232  
COPEN 56  
DROIPEN 31  
ENFOPOL 87  
CATS 14  
CODEC 266

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0167(COD)**

---

**NOTA**

|          |                                                                                                                            |
|----------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Presidenza                                                                                                                 |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                              |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi<br>- Rapport ta' progress |

**Kuntest**

Fil-25 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi<sup>1</sup>. L-għan tal-proposta huwa li tikkonsolida u ssaħħa il-qafas legali eżistenti f'dan il-qasam, sabiex jiġi ffaċilitati u żgurati sforzi effettivi għall-irkupru u l-konfiska tal-assi madwar l-Unjoni.

Il-proposta ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN) minn Ġunju 2022 'l hawn. Mill-bidu, l-Istati Membri esprimew appoġġ għall-għanijiet u l-istruttura tal-proposta, iżda qajmu wkoll għadd ta' kwistjonijiet dwar uħud mid-dispożizzjonijiet tagħha, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk ir-regoli li jikkostitwixxu novitajiet fil-liġijiet tal-Unjoni u nazzjonali.

---

<sup>1</sup> 9598/22.

Ċerti aspetti tal-proposta ġew diskussi wkoll fil-CATS fis-16 ta' Novembru 2022, speċifikament is-setgħat tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-konfiska ta' ġid mhux ġustifikat.

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet matul il-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2022 dwar il-proposta, b'mod aktar partikolari dwar id-drittijiet ta' persuni affettwati minn miżuri ta' konfiska.

Wara eżami bir-reqqa tal-proposta sħiħa fid-dawl ta' dawn id-diskussjonijiet, fil-21 ta' Diċembru 2022 ġie ppreżentat dokument b'sitwazzjoni attwali u abbozz mill-ġdid tat-test tad-Direttiva<sup>2</sup>.

### **Attivitajiet tal-Presidenza Żvediża**

Il-Presidenza Żvediża kompliet l-eżami tal-proposta abbażi tat-test rivedut matul erbat ijiem ta' laqgħat fil-COPEN (9 ta' Jannar, 6-7 ta' Frar u 8 ta' Marzu<sup>3</sup>). L-eżami b'hekk iffoka b'mod partikolari fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:

- Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (l-Artikolu 2 fil-proposta):

Għaddejja diskussjoni dwar jekk il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għandux ikun limitat għal reati skont id-dritt tal-Unjoni jew ikoprix ukoll reati oħra meta jitwettqu fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali.

- Il-kapitolu dwar it-traċċar u l-identifikazzjoni (l-Artikoli 4 – 10 fil-proposta):

Wara rimarki espressi mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza pproponiet għadd ta' abbozzi mill-ġdid ulterjuri ta' dawn id-dispożizzjonijiet<sup>4</sup>. Dawn l-abbozzi mill-ġdid fil-biċċa l-kbira jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw li jiġi stabbilit mekkaniżmu b'saħħtu għall-irkupru tal-assi, filwaqt li fl-istess ħin jiggarrantixxu li dan il-mekkaniżmu jkun adattat sew għas-sistemi nazzjonali eżistenti f'dan il-qasam.

---

<sup>2</sup> 16294/22.

<sup>3</sup> Il-laqgħa tat-8 ta' Marzu tkun għadha ma saritx meta jinħareġ dan id-dokument.

<sup>4</sup> Ara d-dokument 6505/23.

- Ir-regola dwar il-konfiska ta' ġid mhux ġustifikat (l-Artikolu 16 fil-proposta):

Il-Presidenza u l-grupp ta' ħidma COPEN komplew il-ħidma biex jiżguraw li jkun jista' jintlaħaq qbil dwar din ir-regola l-ġdida filwaqt li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet speċifiċi li tqajmu matul in-negozjati. Tabilħaqq, dan l-element ġdid ta' konfiska jrid jiżgura mekkaniżmu effettiv ta' konfiska, filwaqt li fl-istess ħin jiżgura protezzjoni b'saħħitha tad-drittijiet fundamentali. L-abbozzi mill-ġdid sussegwenti proposti mill-Presidenza għamluha possibbli li jsir progress lejn bażi komuni għall-Istati Membri f'dan is-sens, iżda għad fadal xi jsir qabel ma jkun jista' jintlaħaq qbil dwar test tad-dispożizzjoni inkwistjoni.

Barra minn hekk, għaddejjin diskussjonijiet dwar dispożizzjonijiet oħra. Il-Presidenza hija fiduċjuża li dalwaqt ser jinstabu soluzzjonijiet aċċettabbli.

### **It-triq 'il quddiem**

Il-Presidenza ser tkompli l-ħidma biex tiffinalizza test li jista' jintlaħaq qbil dwaru mill-Istati Membri, bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (ĠAI) f'Ġunju.